MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2011

Numru. 549/2011

Il-Pulizija
(Sp Edmond Cuschieri)
vs
Paul Axisa, iben Manual, imwieled Ħal-Qormi fl-14 ta' Diċembru, 1960, Karta ta' l-Identita numru 24861(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fit-18 ta' April, 2011 għal ħabta tal-5.15 p.m. ġewwa l-Mosta, bil-ħsieb li jikkometti delitt wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi ttanta li jikkaġuna feriti gravi fuq il-persuna ta' Jeanelle Axisa, liema delitt ma seħħx minħabba xi ħaġa aċċidentali jew indipendenti mill-volonta' tal-imputat;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi u aktar tard ġewwa l-għassa tal-Mosta attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew ħebb, b'xorta li ma titqiesx vjolenza

pubblika kontra PC935, PC1082, PC578 u PC86 persuni nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qegħdin jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skont il-liġi minn awtorita kompetenti;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi u aktar tard ġewwa l-għassa tal-Mosta inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, u cioe' fuq il-persuni ta' PC935, PC1082, PC578 u PC86, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbezzgħu jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
4. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil Maria Axisa, lil Jeanelle Axisa u lil Maxine Axisa biża' li ser tintuża vjolenza kontrihom, jew kontra l-propjeta' tagħhom jew kontra l-persuna jew l-propjeta ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222 tal-Kodiċi Kriminali;
5. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ikkaġuna ferita ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Jeanelle Axisa skont kif iċċertifikat Dr. Sarah Vella M.D. taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta;
6. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura li ġġib in-numru tar-reġistrazzjoni IAA742, ta' għamla Opel b'mod perikoluz, traskurat u negliġenti;
7. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tiskwalifika lill-ħati minn kull liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' mhux inqas minn sitt xhur.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Lulju, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 41, 216(1)(a), 95, 96, 251B, 221(1) u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 15(1)(a)(2)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijjiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' tlett xhur priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sena mil-lum. Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ mhemmx lok għas-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan ta' l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------